MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Appell Kriminali Numru. 132/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**
Anthony Borg

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli naqas li jobdi l-ordni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fl-4 ta' Mejju, 1993, li jwaqqa l-bini kollu mhux awtorizzat li bena fil-post maghruf Misrah Suffara, Rabat, Malta, fi zmien tlett (3) xhur mid-data fuq imsemmija.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 t'April, 2006, li biha qalet li ser tqis biss il-perjodu indikat fic-citazzjoni li ammonta ghal 27 jum f'Settembru 1993, 31 jum f'Ottubru 1993 u 4 ijiem f'Novembru 1993 (62 jum). Dawn ifissru li barra l-multa ta' mitejn lira Maltija (LM200) li kienet imponiet il-

Qorti fis-sentenza tal-4 ta' Mejju, 1993, l-appellant kien qed ikun ikkundannat ihallas penali ta' elf hames mija w hamsin lira Maltija (LM1550) skond l-istess sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 t'April, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li s-sentenza appellata hija nulla ghaliex minn imkien ma jirrizulta illi fiha jintqal li l-akkuzat kien qed jinstab hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u ghaliex ma ccitatx l-artikolu/i tal-ligi li tahthom instabet htija. Qablu wkoll li din il-Qorti ghandha tirrinvija l-process lill-Ewwel Qorti biex terga' taghti s-sentenza mill-gdid.

**Ikkonsidrat;**

**Illi in effetti mill-ezami akkurat tas-sentenza appellata ma jidhirx li giet espressament dikjarata l-htija tal-appellant tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Fil-motivazzjoni jissemma li jirrizulta li veru kien hemm sentenza fil-konfront tal-appellant; li din is-sentenza ghaddiet in gudikat u li dik is-sentenza ma setghetx tigi preskritta skond l-art. 687 (1) tal-Kap.9. Jissemma ukoll li dik is-sentenza hija salvagwardata wkoll bit-tieni proviso tat-tieni sub-inciz tal-artikolu 63 ta' l-Att Numru 1 ta' l-1992 u li mill-provi jirrizulta li t-twaqqiegh sar mill-imputat f' xi zmien qrib is-seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005.**

**Wara li l-Qorti mbaghad ittrattat xi aspetti tad-difiza li ressaq l-appellant, ghaddiet biex, bla dikjarazzjoni espressa ta' htija tal-imputazzjoni kif dedotta w bla riferenza ghall-ebda ligi li tahtha kienet qed tinstab htija, u wara li qalet kif ikkomputat il-penali, kkonkludiet billi qalet testwalment :-**

*"…l-imputat qed ikun ikkunndannat ihallas penali ta' LM1550 (elf hames mija u hamsin lira Maltija) skond l-istess sentenza."*

Ikkonsidrat;

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002];** "Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**" [14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] ;** "Il-Pulizija vs. Stefan Abela" **[2.2.2006] u ohrajn).**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra" **[26.5.1994]** ; "Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**" [6.1.2005] u ohrajn)**

**Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, din il-Qorti trid, kif del resto qablu l-prosekuzzjoni w d-difiza ,"*ex officio*" tannulla s-sentenza appellata w tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienet qed issib htija fl-appellant tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u ma ddikjaratx taht liema ligi kienet qed issib il-htija.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------